# Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja

# 2021

## Il-Malti: Il-Fehim mill-Qari

## Il-Marki: 30 marka

## Il-Ħin: 50 minuta

Ħares lejn ir-reklam u wieġeb il-mistoqsijiet.

# Orqod u Strieħ

Ħanut fil-qalba tar-raħal li joffrilek saqqijiet tal-aqwa kwalità għal raqda tajba.

Jekk m'intix sodisfatt bis-saqqu li għandek, ejja għandna u nuruk liema saqqu jgħodd għalik.

Issibulna ta' kull għamla, daqs u ta' ditti magħrufa. Prezzijiet fantastiċi li jilħqu l-but ta' kulħadd. Nagħtu ĦAMES snin garanzija. Barra li noħdulek is-saqqu l-qadim, nagħtuk ĦAMES imħaded b'xejn.

Noffru wkoll sistema kompjuterizzata li tanalizza liema saqqu għandek bżonn biex ma tbatix iktar bl-uġigħ f'dahrek jew f'għonqok waqt l-irqad.

**Mela ddumx taħsibha…**
**Għandek dritt tistrieħ**
**sewwa fil-kumdità ta' darek.**

Sid il-ħanut: Mark Borg

16, Triq il-Kbira, Ħal Luqa

Ċemplu fuq 98415667



**Taħriġ A: Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħt ir-risposta t-tajba.**

L-ewwel waħda hija eżempju. (2 marki)

1. Kull min jixtri saqqu għandu (ħames, sitt, seba') snin garanzija.
2. Il-prezzijiet tas-saqqijiet huma (għoljin, l-istess, raġonevoli).
3. Il-ħanut jinsab (fit-tarf, fiċ-ċentru, fil-bidu) tar-raħal.

**Taħriġ B: Imla l-vojt skont is-sens tas-sentenza.** (2 marki)

L-ewwel waħda hija eżempju.

1. L-aħjar li tagħmel hu li tmur il-ħanut u juruk liema saqqu jgħodd għalik.
2. Bis-sistema kompjuterizzata, tal-ħanut jgħidulek liema saqqu hu tajjeb għalik biex ma jkollokx ___________________ aktar waqt l-irqad.
3. Ma' kull saqqu jagħtuk ħames ___________________ b'xejn.

**Taħriġ Ċ: Qabbel il-kolonni skont ir-reklam.** (5 marki)

L-ewwel waħda hija eżempju.

| Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|
| 1. Il-ħanut jismu | | għandek dritt tistrieħ sewwa. |
| 2. Insibu saqqijiet li | | jaf titlef l-offerta. |
| 3. Tal-ħanut | 1 | 'Orqod u Strieħ'. |
| 4. F'ħin l-irqad, in-nies | | jieħdu s-saqqu l-antik. |
| 5. Jekk iddum ittella' u tniżżel | | jieħdu gost ikunu komdi. |
| 6. F'darek | | għandhom qisien differenti. |

**Taħriġ D:** (marka)

Ikteb **ħaġa waħda** li kieku żżid f'dan ir-reklam biex tiġbed l-għajn tan-nies.

_______________________________________________

## It-Tieni Taqsima (20 marka)

**Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**



### Is-Seħer tar-Ritratti

### L-Ewwel Parti

"Xi ġralkom, kemm tidhru kuntenti?" Fl-aħħar jien u oħti Monika sibna l-album tar-ritratti li konna ilna nfittxu, u ommi ndunat b'dan. Kien ilu jberren snin f'moħħna u konna bdejna naqtgħu qalbna li nsibuh. Emozzjonati, jiena u oħti ftaħna l-qoxra tiegħu, bdejna naraw ritratt wara l-ieħor u ħassejtni mmur lura fiż-żmien. (par. 1)

Rajt lill-bużnannu tiegħi, tfajjel b'saħħtu, jaħdem ir-raba'. Miegħu bdejt indur u nagħqad qalb dawk il-ħbula sħaħ ta' dwieli u s-siġar tat-tin. Imbagħad rajtu jitkellem ma' xi ħbieb tiegħu waqt li kienu qed jimxu għall-iskola distanzi twal b'bagalja ċkejkna tal-injam f'idejhom. Kollha għarafthom. Kemm kienu għadhom żgħar! Mexjin kuntenti, iparlaw, jidħku u jaqbżu f'nofs trejqa vojta qalb kampanja tħaddar, imdawrin b'ħitan tas-sejjieħ. Għaġla ta' xejn. **X'kellhom mid-dinja?** Jien u oħti ħarisna lejn il-bużnannu u għednielu li jkun aħjar li nimxu fil-ġenb tat-triq minħabba l-karozzi. Baqa' jħares lejna bla ma seta' jifhem. Dak il-ħin bdejt nisma' ħsejjes ta' tkarwit ġej minn warajja u ftit tal-ħin wara, bit-tlikki tlikki, għadda minn ħdejna ħmar iġorr karrettun warajh b'raġel bilqiegħda fuqu. Sellmilna dan ir-raġel u l-bużnannu sellimlu wkoll. Paċi totali u skiet taqtgħu b'sikkina ħlief għat-tpespis tal-għasafar li, flimkien ma' għadd ta' friefet, bdew itiru minn quddiemna u minn warajna u jpoġġu jistrieħu fuq ħitan tas-sejjieħ, fjuri u siġar tal-ħarrub. (par. 2)

F'ħin minnhom għaddiet karozza minn ħdejna kollha ċekċik u li ħalliet daħna sħiħa warajha. Il-bużnannu u l-ħbieb tiegħu dehru sorpriżi mhux ftit biha u **għamlu frattarija** sħiħa hekk kif din waslet ħdejna. Erħewlha jiġru għal warajha u bdew ilaħħqu magħha għax din il-karozza ma kinitx taf x'inhi veloċità. (par. 3)

Meta wasalna l-iskola, speċi ta' dar imdaqqsa b'vaska ċkejkna fuq barra u b'ċorma tfal jixorbu minnha, irrealizzajt li jien u oħti biss konna lebsin uniformi u żarbun pulit. (par. 4)

**Taħriġ A: Aħdem dawn li ġejjin skont is-silta li qrajt.** (8 marki)

1. Meta sabu l-album tar-ritratti, l-awtur u oħtu Monika ħassewhom

   a) mistħija.

   b) emozzjonati.

   ċ) imdejqin.

2. Ma' min rah jitkellem lill-biżnannu?

___

3. **'X'kellhom mid-dinja?'** X'tagħtik tifhem din il-frażi minn paragrafu tnejn?

___

___

4. Taħseb li l-awtur kien jafhom lill-ħbieb tal-biżnannu? Għaliex taħseb hekk?

___

___

5. Għaliex taħseb li l-biżnannu u l-ħbieb tiegħu telqu jiġru wara l-karozza?

___

___

6. Fisser il-frażi **'għamlu frattarija'** (par. 3).

___

___

7. Mit-tieni paragrafu, sib **nom fid-diminuttiv**.

___

**Kompli aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.**

**It-Tieni Parti**

Minn dejjem kelli namra għar-ritratti. Barra r-ritratti fejn jidher il-bużnannu, ftit ilu sibt xi ritratti oħra tiegħi u ta' oħti. (par. 5)

"Hawn qegħdin ir-ritratti li ħadna l-ġimgħa l-oħra, Monika! Sibthom fil-mowbajl tiegħi." Oħti waqfet mil-logħba tal-kompjuter u ġiet tiġri lejja. Flimkien bdejna niflu r-ritratti b'ħerqa kbira. (par. 6)

Monika riedet xi ritratti minnhom biex turihom lil sħabha. Jien, kif kont bil-mowbajl f'idi, bgħatthomlha kollha. Ftit wara l-mowbajl tagħha beda jdoqq. Dlonk dehret il-ħabiba tagħha tidħaq fuq l-iskrin tal-mowbajl tagħha u flimkien bdew jaraw ir-ritratti li jien kont bgħattilha. Wara ftit fl-iskrin tal-mowbajl tagħha dehret persuna oħra. Din kienet ħabiba oħra t'oħti. Issa li dawn ir-ritratti bdew jarawhom tlieta min-nies, id-daħq żdied u kollha bdew jgħaddu l-kummenti fuqhom. Waħda minnhom riedet tkun taf ta' liema ditta kienu l-ħwejjeġ li kienet liebsa oħti waqt li oħti xtaqet tkun taf dwar il-party taż-żgħażagħ li kellu jsir fi tmiem il-ġimgħa. Tant kellhom xi jgħidu li ddeċidew li jiltaqgħu aktar tard dakinhar stess. (par. 7)

Minkejja li iżgħar minn oħti u l-ħbieb tagħha, xorta kelli l-permess li mmur magħha. Ħadt gost li, flimkien m'oħti kont se nieħu rikba ma' missieri sal-Belt. It-triq ma kinitx twila imma xorta ħadna fit-tul minħabba t-traffiku. Karozzi u trakkijiet ta' kull tip u d-duħħan tagħhom bdejt inħossu fi mnifsejja. Krejnijiet kull kantuniera u ħsejjes ta' kull tip. Mur ġib lill-bużnannu tiegħi llum jippassiġġa flimkien ma' sħabu f'nofs tat-triq kif kien jagħmel qabel! Waqt li oħti bdiet tilgħab bil-mowbajl u tikkomunika ma' sħabha, mit-tieqa tal-karozza qgħadt ninnota r-ritmu tal-ħajja; min mgħobbi bil-basktijiet jixtri, min jaqsam it-triq minn hawn u minn hemm, min komdu bilqiegħda f'kafetterija jixrob il-kafè u jiekol il-pastizzi waqt li oħrajn jgħaġġlu biex imorru lura d-dar wara x-xogħol jew jistennew tal-linja waqt li jteftfu fil-mowbajl. (par. 8)

Qbadt il-mowbajl u ndunajt li xi ritratti li kelli fih kienu diġà qegħdin fuq il-mezzi soċjali. (par. 9)

**Taħriġ B: Wieġeb dawn li ġejjin skont is-silta li qrajt.** (8 marki)

1. Fejn sabhom ir-ritratti l-awtur?

______________________________________________

2. X'jurik li Monika u l-ħbieb tagħha kienu qed jieħdu gost jaraw ir-ritratti?

______________________________________________

______________________________________________

3. X'għamlu Monika u sħabha meta raw li kellhom ħafna fuq xiex jitkellmu?

______________________________________________

______________________________________________

4. Għaliex taħseb li l-awtur kellu jitlob permess biex joħroġ ma' oħtu?

______________________________________________

______________________________________________

5. Minn dak li qrajt, kif taħseb li kien iħossu l-bużnannu kieku kien għadu ħaj?

______________________________________________

______________________________________________

6. Agħti raġuni li turik li l-ħajja hi mgħaġġla.

______________________________________________

______________________________________________

7. Minn paragrafu 7, sib il-kelma li tfisser **minnufih.**

________________________

8. 'It-triq ma kinitx twila...'

Agħti l-plural miksur ta' **triq**. ________________________

**Taħriġ Ċ: Aħdem dawn fuq is-silta kollha.** (4 marki)

1. Skont dak li qrajt, ikteb **żewġ sentenzi** dwar kif inbidlet il-kampanja maż-żmien.

a) ______________________________________________

______________________________________________

b) ______________________________________________

______________________________________________

2. Skont dak li qrajt, agħżel perjodu ta' żmien li jogħġbok l-aktar, tal-ewwel jew tat-tieni silta. Agħti **żewġ raġunijiet** għall-għażla tiegħek.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**Tmiem il-karta**